

СЪД НА ЕВРОПЕЙСКИТЕ ОБЩНОСТИ
TRIBUNAL DE JUSTICIA DE LAS COMUNIDADES EUROPEAS
SOUDNÍ DVŮR EVROPSKÝCH SPOLEČENSTVÍ
DE EUROPÆISKE FÆLLESSKABERS DOMSTOL
GERICHTSHOF DER EUROPÄISCHEN GEMEINSCHAFTEN
EUROOPA ÜHENDUSTE KOHUS
ΔΙΚΑΣΤΗΡΙΟ ΤΩΝ ΕΥΡΩΠΑΪΚΩΝ ΚΟΙΝΟΤΗΤΩΝ
COURT OF JUSTICE OF THE EUROPEAN COMMUNITIES
COUR DE JUSTICE DES COMMUNAUTÉS EUROPÉENNES
CÚIRT BHREITHIÚNAIS NA gCÓMHPHOBAL EORPACH
CORTE DI GIUSTIZIA DELLE COMUNITÀ EUROPEE
EIROPAS KOPIENU TIESA



EUROPOS BENDRIJŲ TEISINGUMO TEISMAS
AZ EURÓPAI KÖZÖSSÉGEK BÍRÓSÁGA
IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ
HOF VAN JUSTITIE VAN DE EUROPESE GEMEENSCHAPPEN
TRYBUNAŁ SPRAWIEDLIWOŚCI WSPÓLNOT EUROPEJSKICH
TRIBUNAL DE JUSTIÇA DAS COMUNIDADES EUROPEIAS
CURTEA DE JUSTIȚIE A COMUNITĂȚILOR EUROPENE
SÚDNY DVOR EURÓPSKÝCH SPOLOČENSTEV
SODIŠČE EVROPSKIH SKUPNOSTI
EUROOPAN YHTEISÖJEN TUOMIOISTUIN
EUROPEISKA GEMENSKAPERNAS DOMSTOL

Stampa u Informazzjoni

KOMUNIKAT STAMPA Nru 27/07

21 ta' Marzu 2007

* * *

STATISTIKA ĠUDIZZJARJA 2006: TNAQQIS SINJIFIKATTIV FIT-TUL TAL- PROĊEDURI QUDDIEM IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

Żieda notevoli fin-numru ta' kawżi mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti tal-Prim'Istanza

Il-Qorti tal-Ġustizzja

It-tnaqqis fit-tul tal-proċeduri, diġà osservat matul is-snin 2003 sa 2005, ġie msaħħaħ fl-2006. Għal dak li jikkonċerna r-rinviji għal deċizzjoni preliminari, it-tul medju tal-proċeduri huwa ta' 19.8 xhur, filwaqt li fl-2003 kien ta' 25.5 xhur, fl-2004 kien ta' 23.5 xhur u fl-2005 kien ta' 20.4. Analiżi komparattiva turi li, mill-1995, it-tul medju tal-proċeduri fil-kawżi preliminari laħaq l-iktar livell baxx tiegħu fl-2006. Fir-rigward tar-rikorsi diretti u l-appelli, it-tul medju tal-proċeduri kien ta' 20 u 17.8 xhur (21.3 u 20.9 xhur fl-2005), rispettivament.

Jeħtieġ ukoll li jiġi indikat żvilupp pożittiv ieħor, jiġifieri t-tnaqqis fin-numru ta' kawżi pendenti, u dan minkejja ż-żieda kunsiderevoli fin-numru ta' kawżi mressqa. Fil-fatt, fl-2006, tressqu 537 kawża ġdida quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, li jfisser żieda ta' 13.3% meta mqabbel man-numru ta' kawżi mressqa fl-2005 (474 kawża). In-numru ta' kawżi pendenti fil-31 ta' Diċembru 2006 jammonta għal 731 (kontra 974 kawża fil-31 ta' Diċembru 2003, 840 fil-31 ta' Diċembru 2004 u 740 fil-31 ta' Diċembru 2005).

Fl-2006, il-Qorti tal-Ġustizzja għalqet 546 kawża, li jikkostitwixxi tnaqqis żgħir meta mqabbel mas-sena 2005, li matulha ġew deċiżi 574 kawża.

Il-Qorti tal-Prim'Istanza

Fl-2006, għat-tieni sena konsekuttiva, il-Qorti tal-Prim'Istanza għalqet iktar kawżi milli ġew imressqa quddiemha (436 kawża deċiżi kontra 432 mressqa). Ħarsa ġenerali minn dan l-aspett turi li n-numru ta' kawżi mressqa qiegħed jonqos (432 kontra 469 fl-2005). Madankollu, dan it-tnaqqis jidher biss u jista' jiġi spjegat minħabba l-fatt li matul is-sena 2006 ma ġewx imressqa kawżi dwar is-servizz pubbliku quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza, peress li issa dawn jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku.

Fil-verità, barra mill-kawżi dwar is-servizz pubbliku u barra mill-proċeduri partikolari, in-numru ta' kawżi mressqa kiber b'mod notevoli, peress li żdied bi 33% (387 kawża kontra 291 fl-2005). In-numru ta' kawżi li tressqu dwar *it-trade marks* żdied b'46% (143 fl-2006 kontra 98 fl-2005), filwaqt li il-kawżi dwar suġġetti oħra barra mill-proprjetà intellettuali u s-servizz pubbliku żdiedu b'26% (244 kontra 193). In-numru ta' kawżi magħluqa, min-naħa tiegħu, qiegħed jonqos (436 kontra 610), iżda, hawnhekk ukoll huwa neċessarju li jittieħed in kunsiderazzjoni l-fatt li fis-sena 2005, 117-il kawża ġew magħluqa permezz tat-trasferiment tagħhom lit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku. Jekk dawn il-kawżi ma jittieħdux in kunsiderazzjoni, it-tnaqqis fin-numru ta' kawżi magħluqa fl-2006 jibqa' reali iżda inqas notevoli (436 kontra 493).

B'mod definittiv, in-numru ta' kawżi pendenti jibqa' kważi l-istess meta mqabbel ma' dak tas-sena ta' qabel, jiġifieri ftit iktar minn elf (1029 kontra 1033 fl-2005). F'dan ir-rigward jista' jiġi osservat li fl-1 ta' Jannar 2007, il-kawżi dwar proprjetà intellettuali kienu jirrappreżentaw qrib 25% tan-numru totali tal-kawżi pendenti. Għaldaqstant, minkejja li, minn naħa, 82 kawża dwar is-servizz pubbliku għadhom pendenti quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza u, min-naħa l-oħra, tressqu quddiemha l-ewwel appelli mis-sentenzi tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (fil-31 ta' Diċembru 2006 kienu tressqu 10 appelli), il-kawżi mressqa quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza qegħdin ftit ftit jibdlu l-aspett tagħhom billi qed jersqu iktar lejn materji ekonomiċi.

Fir-rigward tat-tul medju ta' istanza, dan żdied xi ftit matul din is-sena peress li, barra mill-kawżi dwar is-servizz pubbliku u l-proprjetà intellettuali, dan għadda minn 25.6 xhur fl-2005 għal 27.8 xhur. Madankollu, għandu jiġi osservat li matul is-sena 2006, it-talba għal proċedura mħaffa prevista fl-Artikolu 76a tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza ġiet milqugħa mill-Qorti tal-Prim'Istanza f'4 kawżi mill-10 li saret fihom.

It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku

Is-sena 2006 hija l-ewwel sena kompluta ta' l-operat tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ta' l-Unjoni Ewropea.

Fl-2006, tressqu 148 rikors quddiem it-Tribunal, li juri tnaqqis żgħir fil-volum meta mqabbel man-numru ta' rikorsi mressqa fil-qasam tas-servizz pubbliku fis-sena 2005 (164 rikors). Minn mindu nħoloq, tressqu 161 kawża direttament quddiem it-Tribunal, li magħhom għandhom jiġu miżjuda l-118-il kawża ttrasferiti mill-Qorti tal-Prim'Istanza. Għaldaqstant, minn mindu beda jopera t-Tribunal, tressqu quddiemu 279 kawża.

Fl-2006 ingħalqu 53 kawża. F'dan ir-rigward, jista' jiġi osservat numru ta' annullamenti pjuttost kbir proporzjonalment, peress li ngħataw 10 sentenzi f'dan is-sens. L-ewwel sena ta' attività ġudizzjarja tat-Tribunal ġiet ikkaratterizzata wkoll mill-isforzi ta' dan ta' l-aħħar sabiex iwieġeb għall-istedina tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea sabiex jiffaċilita s-soluzzjoni bonarja tal-kawżi f'kull stadju tal-proċedura.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja

Lingwi disponibbli: kollha

Għal aktar informazzjoni, int mitlub tikkuntattja lil Christopher Fretwell

Tel: (00352) 4303 3355 Fax: (00352) 4303 2731